

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 291 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

27 ta' Settembru 2012

Avviż Nru

Werrej

Pàgna

V Avviżi

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2012/C 291 A/01

Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali — EPSO/AST/121/12 1

Prezz: EUR 3

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI
TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

EPSO/AST/121/12

(2012/C 291 A/01)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza din il-kompetizzjoni ġenerali permezz ta' kwalifiki u eżamijiet sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti (*).

EPSO/AST/121/12 — Tekniċi tal-konferenzi (AST 3)

L-għan ta' din il-kompetizzjoni hu li tinħoloq lista ta' riżerva maħsuba biex jimtlew xi postijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 270 A tas-7 ta' Settembru 2012 kif ukoll fuq il-websajt tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-Avviż ta' Kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

WERREJ

- I. QAFAS ĠENERALI
- II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET
- III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI
- IV. TESTIJIET TA' DĦUL
- V. AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U SELEZZJONI ABBAŻI TAL-KWALIFIKI
- VI. KOMPETIZZJONI ĠENERALI
- VII. LISTA TA' RIŻERVA
- VIII. KIF TAPPLIKA?

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

I. QAFAS ĠENERALI

Numru ta' kandidati magħżula: 23

II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

L-Assistenti tal-livell AST 3 jieħdu sehem, taħt is-sorveljanza ta' Amministratur, fil-kisba tal-missjoni tal-istituzzjoni jew tal-korp tagħhom u jkunu mistennija li jwettqu kompiti ta' applikazzjoni, ta' implimentazzjoni, ta' appoġġ u ta' loġistika f'diversi oqsma tal-attività.

Tekniċi inkarigati b'mod partikolari mit-tfassil, mill-installazzjoni u mill-ġestjoni ta' proċeduri tekniċi ta' awdjo u ta' immaġni f'installazzjonijiet multimedjali/awdjoviżivi jew ta' konferenzi; il-funzjonijiet jinkludu kompiti bħal:

- it-tfassil ta' installazzjonijiet ta' konferenzi u ta' tagħmir awdjoviżiv,
- it-tfassil ta' dokumenti tekniċi għal installazzjonijiet ta' konferenzi u għal installazzjonijiet awdjoviżivi ġodda u għar-rinovazzjoni tal-installazzjonijiet eżistenti kif ukoll is-superviżjoni ta' xogħlijiet li jitwettqu mill-kuntratturi,
- it-tweqqif ta' tiswijiet f'każ ta' ħsara fl-installazzjonijiet ta' konferenzi u f'dawk awdjoviżivi,
- is-superviżjoni tal-operazzjonijiet ta' manutenzjoni tal-installazzjonijiet ta' konferenzi u ta' dawk awdjoviżivi,
- l-armor, it-tpoġġija u t-tħaddim tat-tagħmir mobbli tal-awdjo u/jew tal-vidjow (pereżempju kameras, skrijns, proġetturi, mikrofon, miksers, xkafef mobbli, eċċ.) matul avvenimenti,
- l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' ġestjoni tat-tagħmir awdjoviżiv tas-swali tal-konferenzi,
- it-tweqqif ta' testijiet analogi u diġitali bi strumenti ta' preċiżjoni (ossilloskopji, ġeneraturi ta' sinjali, miters għall-kejl tad-decibels, termometri diġitali, eċċ.) fis-swali tal-konferenzi,
- l-armor, l-installazzjoni u l-konfigurazzjoni ta' tagħmir A/V u ta' dak informatiku għat-trażmissjoni ta' vidjow u ta' awdjo permezz tan-netwerk tal-informatika u/jew tat-telekomunikazzjonijiet (streaming bil-vidjow u bl-awdjo, vidjokonferenzi, eċċ.),
- l-iżgurar tar-reġija awdjo u/jew vidjow fis-swali tal-konferenzi lokalment jew mill-bogħod (minn sala ta' kontroll), matul u barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol,
- il-garanzija tar-reġistrazzjoni bl-awdjo u/jew bil-vidjow tal-interventi tal-parteċipanti (permezz ta' mikrofon, kameras, sorsi awdjoviżivi diversi),
- il-garanzija tal-programmazzjoni, tal-użu u tat-tiswija tas-sistemi ta' konferenzi u ta' interpretar multilingwu u/jew tal-programmazzjoni, tal-użu u tat-tiswija tas-sistemi ta' akkwist, trattament u diffużjoni tal-fluss tal-vidjow,
- ir-reġistrazzjoni tad-dibattiti fuq għodod diġitali (lineari u mhux lineari),
- l-iżgurar tal-akkwist, tar-routing u tad-distribuzzjoni ta' sinjali awdjoviżivi minn sala tal-kontroll għall-punti ta' distribuzzjoni fi ħdan binja,
- l-iżgurar tat-tħaddim, tal-konfigurazzjoni u tal-funzjonament tajjeb ta' netwerk ta' skrins ta' informazzjoni u tas-softwer operattiv tagħhom,
- it-tħaddim tas-sistemi ta' kodifikazzjoni u ta' trażmissjoni tal-flussi awdjo-vidjow,
- il-kontribut għar-rispett tal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-installazzjonijiet tal-konferenzi u tal-interpretar simultanju,

- is-selezzjoni ta' immaġni b'konfigurazzjoni li tirriżulta minn kameras multipli, ta' laqgħat u avvenimenti b'mod partikolari bil-għan li l-immaġni u l-awdjo jixxandru,
- it-tħaddim ta' sistemi elettroniċi ta' votazzjoni,
- il-ġestjoni u ż-żamma ta' inventarju tat-tagħmir,
- l-iżgurar tal-ġestjoni, tal-konfigurazzjoni u tat-tiswija ta' netwerk fuq skala żgħira LAN (TCP-IP),
- it-twettiq ta' tiswijiet u ta' adattamenti elettroniċi.

III. KUNDIZZJONIJET TA' AMMISSJONI

Fid-data tal-għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika, int għandek tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

1. Kundizzjonijiet ġenerali

- (1) Li tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Li tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.
- (3) Li tkun wettaqt kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar ir-reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari.
- (4) Li tipproduċi r-referenzi dwar il-karattru meħtieġa, li jindikaw li int tajjeb biex twettaq il-funzjonijiet previsti.

2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1.	<p>Kwalifiki</p> <p>Jew (a) Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji postsekondarji konklużi, iċċertifikati b'diploma ta' tmiem l-istudji f'qasam relatat mal-funzjonijiet inkwistjoni.</p> <p>Jew (b) Livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat minn diploma ta' tmiem l-istudji li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, flimkien ma' esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin f'qasam relatat mal-funzjonijiet inkwistjoni.</p> <p>NB: Dawn it-3 snin ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala parti min-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitluba hawn taħt.</p>																								
2.2.	<p>Esperjenza professjonali</p> <p>Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet inkwistjoni.</p> <p>Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.</p>																								
2.3.	<p>Għarfien lingwistiku Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin:</p> <table style="width: 100%; border: none;"> <tr> <td>BG (il-Bulgaru)</td> <td>FI (il-Finlandiż)</td> <td>NL (l-Olandiż)</td> </tr> <tr> <td>CS (iċ-Ċek)</td> <td>FR (il-Franċiż)</td> <td>PL (il-Pollakk)</td> </tr> <tr> <td>DA (id-Daniż)</td> <td>GA (l-Irlandiż)</td> <td>PT (il-Portugiż)</td> </tr> <tr> <td>DE (il-Ġermaniż)</td> <td>HU (l-Ungeriż)</td> <td>RO (ir-Rumen)</td> </tr> <tr> <td>EL (il-Grieg)</td> <td>IT (it-Taljan)</td> <td>SK (is-Slovakk)</td> </tr> <tr> <td>EN (l-Ingliż)</td> <td>LT (il-Litwan)</td> <td>SL (is-Sloven)</td> </tr> <tr> <td>ES (l-Ispanjol)</td> <td>LV (il-Latvjan)</td> <td>SV (l-Isvediż)</td> </tr> <tr> <td>ET (l-Estonjan)</td> <td>MT (il-Malti)</td> <td></td> </tr> </table> <p>(a) Lingwa 1 Lingwa prinċipali: għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea</p> <p>(b) Lingwa 2 It-tieni lingwa (trid tkun bilfors differenti mil-lingwa 1): għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, tal-Ingliż jew tal-Franċiż</p>	BG (il-Bulgaru)	FI (il-Finlandiż)	NL (l-Olandiż)	CS (iċ-Ċek)	FR (il-Franċiż)	PL (il-Pollakk)	DA (id-Daniż)	GA (l-Irlandiż)	PT (il-Portugiż)	DE (il-Ġermaniż)	HU (l-Ungeriż)	RO (ir-Rumen)	EL (il-Grieg)	IT (it-Taljan)	SK (is-Slovakk)	EN (l-Ingliż)	LT (il-Litwan)	SL (is-Sloven)	ES (l-Ispanjol)	LV (il-Latvjan)	SV (l-Isvediż)	ET (l-Estonjan)	MT (il-Malti)	
BG (il-Bulgaru)	FI (il-Finlandiż)	NL (l-Olandiż)																							
CS (iċ-Ċek)	FR (il-Franċiż)	PL (il-Pollakk)																							
DA (id-Daniż)	GA (l-Irlandiż)	PT (il-Portugiż)																							
DE (il-Ġermaniż)	HU (l-Ungeriż)	RO (ir-Rumen)																							
EL (il-Grieg)	IT (it-Taljan)	SK (is-Slovakk)																							
EN (l-Ingliż)	LT (il-Litwan)	SL (is-Sloven)																							
ES (l-Ispanjol)	LV (il-Latvjan)	SV (l-Isvediż)																							
ET (l-Estonjan)	MT (il-Malti)																								

IV. TESTIJET TA' DĦUL

It-testijiet ta' dħul isiru fuq il-kompjuter u jiġu organizzati mill-EPPO. Il-bord tas-selezzjoni jiddetermina l-livell ta' diffikultà tat-testijiet u japprova s-sustanza tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPPO.

Dawn it-testijiet se jiġu organizzati biss jekk in-numru tal-kandidati li jkunu applikaw ikun ogħla minn 1 000. F'dan il-każ, int tkun infurmat permezz tal-profil tiegħek tal-EPPO.

1. Stedina għat-testijiet	Inti tiġi mistieden għat-testijiet jekk tkun invalidajt l-applikazzjoni tiegħek fil-ħin (ara t-Taqsima VIII). Attenzjoni: 1. meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, inti tiddikjara li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III; 2. biex tipparteċipa fit-testijiet, trid tirriżerva data; din ir-riżervazzjoni għandha bilfors issir fiż-żmien li jiġi indikat lilek permezz tal-profil tal-EPPO.	
2. Deskrizzjoni tat-testijiet u dettalji dwar il-marki	Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla bil-għan li jiġu evalwati l-kapaċitajiet u l-kompetenzi ġenerali tiegħek fir-rigward ta':	
Test (a)	ir-raġunament verbali	marki: minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti
Test (b)	ir-raġunament numeriku	marki: minn 0 sa 10 punti
Test (c)	ir-raġunament astratt	marki: minn 0 sa 10 punti
		Il-minimu meħtieġ għat-testijiet (b) u (c) flimkien huwa ta' 10 punti
3. Lingwa tat-testijiet	Lingwa 1	

V. AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U SELEZZJONI ABBAŻI TAL-KWALIFIKI

1. **Proċedura**

L-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kif ukoll is-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki jsiru fl-ewwel fażi skont id-dikjarazzjonijiet li tkun ipprovdajt fl-applikazzjoni tiegħek.

- a) Ir-risposti tiegħek għall-mistoqsijiet dwar il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi se jkunu pproċessati sabiex jiġi ddeterminat jekk inti tagħmilx parti mil-lista tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni għall-kompetizzjoni.

Fil-każ li t-testijiet ta' dħul huma organizzati minn qabel, l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi ssir, fondni dixxendenti tal-punti miksuba fit-testijiet ta' dħul, sakemm jintlaħaq l-ammont ta' 1 000 kandidat li:

— *kisbu kemm il-minimu meħtieġ kif ukoll l-aħjar marki fit-testijiet ta' dħul, u*

— *li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni.*

F'każ li diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post, dawn il-kandidati kollha se jiġu kkunsidrati għall-fażi ta' selezzjoni abbażi tal-kwalifiki. L-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jiġu kklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.

b) Imbagħad, il-Bord tas-Selezzjoni se jagħżel abbażi tal-kwalifiki sabiex jidentifika, fost il-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni, dawk il-kandidati li għandhom l-iktar kwalifiki rilevanti (speċjalment diplomi u esperjenza professjonali) fid-dawl tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tal-kriterji għas-selezzjoni deskritti f'dan l-Avviż ta' Kompetizzjoni. Din is-selezzjoni ssir **biss** fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek ipprovduti fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener") u ssir f'żewġ stadji:

- l-ewwel selezzjoni abbażi tal-kwalifiki ssir **biss** skont ir-risposti mmarkati fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener") tal-applikazzjoni u skont il-piż ta' kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet. Skont l-importanza mogħtija lil kull kriterju msemmi fil-punt 3 hawn taħt, il-Bord tas-Selezzjoni jistabbilixxi dan il-piż (minn 1 sa 3). Imbagħad, l-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jkunu kisbu l-akbar numru ta' punti jgħaddu għat-tieni selezzjoni;
- in-numru ta' fajls eżaminati matul it-tieni fażi ta' selezzjoni huwa ekwivalenti għal madwar **3 darbiet** in-numru ta' kandidati mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni. Il-Bord tas-Selezzjoni jeżamina r-risposti tal-kandidati u jagħtihom marka minn 0 sa 4 għal kull twegħiba. Il-marki, immultiplikati bil-piż ta' kull mistoqsija, jingħaddu ma' xulxin sakemm tinkiseb il-marka globali.

Imbagħad, il-Bord tas-Selezzjoni jistabbilixxi klassifika tal-kandidati skont dawn il-marki globali. In-numru ta' kandidati mistiedna ⁽¹⁾ għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondu għal mhux iktar minn **3 darbiet** in-numru ta' kandidati magħżula, indikat f'dan l-Avviż ta' Kompetizzjoni. Dan in-numru se jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPPO (www.eu-careers.info).

2. Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati

Wara ċ-ċentru ta' evalwazzjoni u fid-dawl tar-risultati miksuba minnu, id-dikjarazzjonijiet li saru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom se jkunu vverifikati mill-EPPO għall-kundizzjonijiet ġenerali u mill-Bord tas-Selezzjoni għall-kundizzjonijiet speċifiċi. Għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki, id-dokumenti ta' prova se jkunu kkunsidrati biss biex jikkonfermaw ir-risposti diġà mogħtija fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener"). Jekk matul din il-verifika jinstab li dawn id-dikjarazzjonijiet ⁽²⁾ mhumiex ikkonfermati mid-dokumenti ta' prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati jiġu esklużi mill-kompetizzjoni.

Il-verifika ssir b'ordni dixxendenti ta' mertu, għall-kandidati li kisbu l-minimu meħtieġ u l-aħjar marki fit-testijiet ta' evalwazzjoni kollha (d), (e), (f) u (g) taċ-ċentru ta' evalwazzjoni. Dawn il-kandidati jridu wkoll jiksbu l-minimu meħtieġ fit-testijiet tal-kapaċità (a), (b) u (c). Din il-verifika tibqa' ssir sakemm jintlaħaq in-numru ta' kandidati li jistgħu jtniżżlu fil-lista ta' riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni. Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li jikklassifikaw taħt dan in-numru mhux se jiġu eżaminati.

3. Kriterji għas-selezzjoni

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

- (5) Esperjenza professjonali fil-programmazzjoni, fl-użu u fit-tiswija ta' sistemi ta' konferenzi u ta' interpretar multilingwu;
- (6) Esperjenza professjonali fil-programmazzjoni, fl-użu u fit-tiswija ta' sistemi ta' akkwist, trattament u diffużjoni tal-fluss tal-vidjow;
- (7) Esperjenza professjonali fl-armar u fit-tħaddim tat-tagħmir mobbli tal-awdjo u/jew tal-vidjow (pereżempju kameras, skrijns, proġetturi, mikrofon, miksers, xkafef mobbli, eċċ.);
- (8) Esperjenza professjonali fl-użu ta' sistemi mobbli ta' konferenzi u ta' interpretar multilingwu (l-użu ta' sistema tat-tip trasportabbli u/jew ta' kabini mobbli);
- (9) Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' dokumenti tekniċi għal installazzjonijiet ta' konferenzi u għal installazzjonijiet awdjoviżivi ġodda u għar-rinovazzjoni tal-installazzjonijiet eżistenti;

⁽¹⁾ Il-kandidati li ma jiġux mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jirċievu r-risultati tal-evalwazzjoni tagħhom kif ukoll il-piż ta' kull mistoqsija mingħand il-Bord tas-Selezzjoni.

⁽²⁾ Din l-informazzjoni se tiġi vverifikata, abbażi tad-dokumenti ta' prova, qabel ma tiġi stabbilita l-lista ta' riżerva (ara t-Taqsima VII, il-punt 1 u t-Taqsima VIII, il-punt 2).

- (10) Esperjenza professjonali fis-supervizzjoni tal-kuntratturi matul it-twettiq ta' xogħlijiet;
- (11) Esperjenza professjonali fl-użu ta' netwerks ibbażati fuq il-protokoll TCP/IP;
- (12) Esperjenza professjonali fit-twettiq ta' testijiet analogi u diġitali bi strumenti ta' preċiżjoni (ossilloskopji, ġeneraturi ta' sinjali, miters għall-kejl tad-decibels, termometri diġitali, eċċ.) fis-swali tal-konferenzi;
- (13) Esperjenza professjonali fl-akkwist, fir-routing, fid-distribuzzjoni ta' sinjali awdjoviżivi minn sala tal-kontroll għall-punti ta' distribuzzjoni fi ħdan binja;
- (14) Esperjenza professjonali fit-tħaddim tas-sistemi ta' kodifikazzjoni u ta' trażmissjoni tal-flussi awdjoviżivi fuq netwerks TCP-IP ("streaming") jew ISDN jew satellita;
- (15) Esperjenza professjonali fl-elettronika b'mod ġenerali (kemm dik analoga kif ukoll dik diġitali).

VI. KOMPETIZZJONI ĠENERALI

<p>1. Stedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni</p>	<p>Jekk int wieħed mill-kandidati ⁽³⁾</p> <ul style="list-style-type: none"> — li jkunu kisbu waħda mill-aħjar marki fit-testijiet ta' dħul (jekk dawn ikunu ġew organizzati minn qabel, ara t-Taqsima IV) u l-minimu meħtieġ għal dawn it-testijiet, <p>u</p> <ul style="list-style-type: none"> — li, skont id-dikjarazzjonijiet ta' għom fl-applikazzjoni elettronika, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III, <p>u</p> <ul style="list-style-type: none"> — li kisbu waħda mill-aħjar marki fis-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, <p>inti tiġi mistieden biex tipparteċipa fl-eżamijiet ⁽⁴⁾ ta' ċentru ta' evalwazzjoni li ġeneralment isiru fi Brussell u li jdumu jum jew jumejn.</p>
<p>2. Ċentru ta' evalwazzjoni</p>	<p>Inti tiġi evalwat bi tliet tipi ta' evalwazzjonijiet:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-kapaċitajiet tiegħek fir-rigward tar-raġunament, ħlief jekk dawn ma kinux diġà evalwati waqt it-testijiet ta' dħul organizzati minn qabel, permezz ta' dawn it-testijiet: <ul style="list-style-type: none"> (a) test tar-raġunament verbali; (b) test tar-raġunament numeriku; (c) test tar-raġunament astratt; — il-kompetenzi speċifiċi tiegħek fil-qasam permezz ta' dan it-test: <ul style="list-style-type: none"> (d) intervista strutturata dwar il-kompetenzi fil-qasam, <i>abbażi tar-risposti li tkun tajt fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" tal-applikazzjoni</i> — il-kompetenzi ġenerali tiegħek ⁽⁵⁾: <ul style="list-style-type: none"> — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi, — Komunikazzjoni, — Kwalità u riżultati, — Tagħlim u żvilupp, — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni, — Perseveranza, — Ħidma f'tim. <p>permezz tat-testijiet ⁽⁶⁾ li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> (e) studju tal-każ; (f) eżerċizzju fi grupp; (g) intervista strukturata dwar il-kompetenzi ġenerali. <p>Kull waħda mill-kompetenzi ġenerali se tiġi ttestjata skont din it-tabella:</p>

⁽³⁾ Fil-każ fejn fl-aħjar post jiġu diversi kandidati bl-istess marka, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

⁽⁴⁾ Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, it-testijiet ta' raġunament kif ukoll l-istudju ta' każ partikolari (test (e)) jistgħu jsiru fi ċ-ċentri tal-ittestjar fl-Istati Membri u/jew fi Brussell, indipendentement mill-eżamijiet l-oħra li jsiru matul iċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

⁽⁵⁾ Dawn il-kompetenzi huma mfissra fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

⁽⁶⁾ Il-kontenut ta' dawn l-elementi huwa vvalidat mill-Bord tas-Selezzjoni.

	Studju ta' każ partikolari	Eżerċizzju fi grupp	Intervista strutturata
Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	x	x	
Komunikazzjoni	x		x
Kwalità u riżultati	x		x
Tagħlim u żvilupp		x	x
Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	x	x	
Perseveranza		x	x
Ħidma f'tim		x	x
3. Lingwa taċ-ċentru ta' evalwazzjoni	Lingwa 1 għat-testijiet (a), (b) u (c) Lingwa 2 għat-testijiet (d), (e), (f) u (g)		
4. Marki	<p>Kapaċitajiet fil-qasam tar-raġunament</p> <p>(a) verbali: minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti;</p> <p>(b) numeriku: minn 0 sa 10 punti;</p> <p>(c) astratt: minn 0 sa 10 punti; minimu meħtieġ għat-testijiet (b) u (c) flimkien: 10 punti.</p> <p>It-testijiet (a), (b) u (c) huma eliminatorji iżda l-marki tagħhom mhux se jkunu miżjuda mal-marki l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni.</p> <p>Kompetenzi speċifiċi (test d)</p> <p>minn 0 sa 100 punt minimu meħtieġ: 50 punt</p> <p>piż: 55 % tal-marka globali</p> <p>Kompetenzi ġenerali (testijiet (e), (f) u (g))</p> <p>minn 0 sa 10 punti għal kull kompetenza ġenerali minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza u 35 punt minn 70 għas-7 kompetenzi ġenerali kollha f'daqqa piż: 45 % tal-marka globali</p>		

VII. LISTA TA' RIŻERVA

1. Lista ta' riżerva	<p>Il-Bord tas-Selezzjoni jniżżel ismek fuq il-lista ta' riżerva</p> <p>— jekk int tkun wieħed mill-kandidati ⁽⁷⁾ li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ flimkien ma' waħda mill-aħjar marki fit-testijiet kollha d), e), f) u g) taċ-ċentru ta' evalwazzjoni (ara l-għadd ta' kandidati magħżula, Taqsima I, punt 1)</p> <p>— u jekk, skont id-dokumenti ta' prova, tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni.</p>
2. Klassifika	Il-lista tiġi stabbilita skont l-ordni alfabetiku.

(7) Fil-każ fejn fl-aħjar post jġgu diversi kandidati bl-istess marka, dawn il-kandidati kollha jitniżżlu fil-lista ta' riżerva.

VIII. KIF TAPPLIKA?

1. Applikazzjoni elettronika	Għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPPO, u b'mod speċjali fil-Manwal tal-Applikazzjoni. Data tal-għeluq (inkluża l-validazzjoni): Fis-30 ta' Ottubru 2012 f'12:00 (nofsinhar) , ħin ta' Brussell.
2. Fajl tal-applikazzjoni	Jekk inti tagħmel parti mill-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, għandek iġġib miegħek ⁽⁸⁾ il-fajl tal-applikazzjoni tiegħek komplut (l-applikazzjoni elettronika tiegħek iffir-mata u d-dokumenti ta' prova) meta tiġi fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni. Kundizzjonijiet: ara l-punt 6.1 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

⁽⁸⁾ Id-data ta' meta trid tattendi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni tiġi kkomunikata lilek fi żmien xieraq permezz tal-kont tiegħek tal-EPPO.

REVIŻJONI TAL-ĠU C A "KOMPETIZZJONI"

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

8	(DA/EL/HU/IT/MT/PL)	212	(PL)
10		214	(SK)
17	(LT)	215	(DE/EN/FR)
20	(EN)	228	(SL)
22	(DE/EN/FR)	266	
27		270	
30	(FR)	274	(CS)
31	(ES)	275	(LV)
37		276	(DE/EN/FR)
44		278	
46		281	(MT)
53		283	(SV)
55		285	(ES)
59		288	(DE/EN/FR)
69	(DE/EN/FR)	290	
70	(EL)	291	
71	(ES)		
74	(HU)		
75	(NL)		
76			
77	(RO)		
84	(DE/EN/FR)		
86			
90	(EN)		
101			
110	(DE/EN/FR)		
114			
121	(BG)		
122			
134			
136	(PT)		
140			
144	(DE/EN/FR)		
146	(CS/DA)		
160			
161			
169	(DE/EN/FR)		
180	(DE/EN/FR)		
187			
189			
197	(DA/DE/EN/SK)		
198	(EN/FR)		
199	(DE/EN/FR)		
204	(ET/GA/LV/PT)		
206	(CS)		
210	(LT)		
211	(MT)		

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

